# INFAKKRU ĦAJJET ŻEWĠ GĦAWDXIN

Kitba ta'
EMAN BONNICI

Fost il-membri tal-kleru reliġjuż minn Malta u Għawdex li għaddew għal ħajja aħjar 50 sena ilu, sewwasew nhar is-7 ta' Frar u fit-12 ta' Settembru 1968, xtaqt infakkar illum il-memorja ta' tnejn minnhom, membri, wieħed tal-Ordni Agostinjan u l-ieħor Karmelitan: P. Klement Camilleri OSA., li miet Għawdex, il-gżira li nisslitu, u P. Ġorġ M. Borg O.Carm., Provinċjal tal-Provinċja Karmelitana Maltija ta' San Elija, li miet ħabta u sabta ġewwa Ruma. F'dan l-anniversarju qegħdin infakkru hawnhekk ħajjithom u ħidmiethom fil-qosor.

**P. Klement Camilleri OSA.**

Salvu Camilleri twieled in-Nadur, Għawdex, fid-9 ta' Lulju 1892, iben Ġużeppi Camilleri u Vinċenza mwielda Camilleri wkoll u tgħammed fil-knisja parrokkjali ta' San Pietru u San Pawl, li ftit wara saret kolleġġjata u aktar tard bażilika. Ħaddan l-Ordni Agostinjan f'età bikrija fil-kunvent ta' Santu Wistin fir-Belt Victoria, fejn irċieva l-abitu reliġjuż u l-isem ta' Klement fit-2 ta' Mejju 1909. Wettaq il-voti sempliċi f'Ġunju tas-sena ta' wara u dawk perpetwi fl-1913. Ordnat presbiteru fit-22 ta' Settembru 1917 fil-katidral ta' Għawdex, assenjat fi ħdan il-komunità msemmija ta' Santu Wistin fl-istess gżira, qeda l-uffiċċji ta' prokuratur u sagristan maġġur sakemm fil-21 ta' Ottubru 1932, mattwaqqif tan-novizzjat fl-istess kunvent, kien appuntat bħala l-ewwel surmast tan-novizzi f'dan il-lok permezz ta' delega maħruġa fis-27 ta' Ottubru ta' dik l-istess sena.

Reliġjuż "dell'antico stampo" li dawk iffurmati taħtu fil-ġurnata tal-lum iħarsu lejh bħala bniedem xi ftit jew wisq appuntu "l-antika", P. Klement kien ħabib tal-għabra u s-skiet. Konfessur imfittex, qeda dan l-uffiċċju fi ħdan bosta komunitajiet reliġjużi femminili sew f'Għawdex kif ukoll f'Malta. Iżda għalkemm kien forsi, kif deskritt, "miskin, twajjeb, imma skrupluż", l-uffiċċju ta' surmast tan-novizzi u tal-professi qdieh bi ħrara assidwa u fost it-tagħlimiet tiegħu baqgħu jġorru aktarx din il-frażi: "Kristu ma għamel qatt opra tant kbira, daqs dakinhar li deher ma jagħmel xejn, b'dirgħajh marbuta fuq is-salib", f'messaġġ tiegħu ta' istruzzjoni kontra l-għażż għat-tixjin mit-tentazzjonijiet. Wara kollox, kif qal darba wieħed qaddis: "*Dalla polvere che cade dal soffitto dei conventi, il demonio sa fare calcina!*"

Surmast tan-novizzi f'Agrigento, fi Sqallija, għal perjodu ta' sena u nofs, qeda ta' pirjol tal-kunvent ta' Għawdex bejn l-1935 u l-1946, meta nħatar għal dan l-istess uffiċċju fil-kunvent ta' Santa Rita f'San Ġiljan. Appuntat prokuratur tal-kunvent ta' San Mark fir-Rabat ta' Malta fl-1949, tliet snin wara nsibuh jaqdi r-rwoli ta' sottopirjol, prokuratur u depożitarju fi ħdan l-istess komunità. Maħtur mill-ġdid surmast tan-novizzi fl-istess sena, jiġifieri fl-1952, kif ukoll sottopirjol tal-kunvent ta' San Ġiljan, fejn l-ammessi bdew jagħmlu n-novizzjat tagħhom, bejn l-1955 u l-1958 serva bħala sottopirjol u sagristan maġġur fl-istess kunvent ta' Santa Rita. Fl-1961 kien assenjat mal-komunità tal-Madonna tal-Bon Kunsill f'Paceville, sakemm sforz talmard reġa' lura Għawdex, fejn għadda l-aħħar żmien tiegħu għand niesu u fejn eventwalment miet fis-7 ta' Frar 1968 fl-għomor ta' 75 sena. Marbut f'soddtu fl-aħħar żmien, kien iqum bl-isforzi darba kuljum sabiex iqaddes bilqiegħda. Dakinhar li miet, filgħodu qaddes bħas-soltu. Wara nofsinhar imbagħad, għall-ħabta tas-sagħtejn, hekk kif qam biex jgħid it-talb bħas-soltu, ħassu ma jiflaħx sewwa u wara li nġieblu l-vjatku u saritlu l-griżma tal-morda, miet f'temp ta' ftit sigħat. Tiegħu, kellha tkun l-aħħar difna li saret fis-sotterran tar-reliġjużi taħt il-kor tal-knisja ta' Santu Wistin fir-Rabat, Għawdex, qabel ma d-dfin beda jsir fiċ-Ċimiterju ta' Santa Marija, fejn sal-lum indifnu tliet reliġjużi: P. Mikiel Mizzi li miet fis-17 ta' Marzu 1980; P. Rafel Azzopardi li miet fl-4 ta' Ġunju 1998; u P. Serafin Borg li miet fit-8 ta' Frar 2011.



P. Klement Camilleri OSA.



P. Ġorġ M. Borg O.Carm.

**P. Ġorġ M. Borg O.Carm.**

Iben Ġużeppi Borg, kuntistabbli tal-pulizija, u martu Mananni xebba Spiteri, it-tnejn li huma mix-Xewkija, Għawdex, Lawrenz Borg twieled il-Ħamrun, fejn il-koppja niżlet toqgħod mal-istazzjonar ta' Ġużeppi fl-għassa tal-post, fit-30 ta' Jannar 1912 u tgħammed fit-2 ta' Jannar tas-sena ta' wara fil-knisja parrokkjali ta' San Gejtanu mill-kappillan Dun Ġużepp Muscat.

Meta Ġużeppi ġie stazzjonat fl-għassa tas-Siġġiewi, il-familja Borg imxiet lejn dan ir-raħal u minn hemm lejn Għawdex, sewwasew fix-Xewkija, meta l-kuntistabbli ġie trasferit finalment f'raħal twelidu, bil-familja tabita f'residenza fi Triq San Ġwann Battista.

Mogħti għall-istudju sa minn ċkunitu, Wenzu ffrekwenta l-iskejjel primarji u sekondarji qabel ma ngħaqad fi ħdan l-Ordni Karmelitan fl-età ta' 16-il sena. Mogħti l-isem reliġjuż ta' Ġorġ Marija, studja l-filosofija u l-letteratura f'Malta u aktar tard it-teoloġija fil-Kulleġġ Internazzjonali ta' San Albert f'Ruma, imnejn kiseb liċenzjat fil-materja msemmija.

Ordnat saċerdot fl-istess belt nhar l-1 ta' Marzu 1935, l-ewwel żmien saċerdotali tiegħu għaddieh fi ħdan il-komunità parrokkjali ta' Santa Maria in Traspontina f'via della Conciliazione, ftit passi bogħod mill-Bażilika Patrijarkali ta' San Pietru fil-Vatikan. L-ewwel quddiesa solenni tiegħu qaddisha madankollu fix-Xewkija, Ħadd qabel il-festa ta' San Ġwann Battista, patrun ta' raħal twelidu. Id-diskors tal-okkażjoni għamilhulu l-Provinċjal, P. Ġwann Azzopardi.

**Lura Malta minħabba l-gwerra**

Id-dikjarazzjoni tad-dħul tal-Italja fil-gwerra kontra Franza u l-Gran Brittanja filkors tat-Tieni Gwerra Dinjija, ġiegħlet lil P. Ġorġ jinżel lura Malta, bħala suddittu Ingliż f'art tal-għadu. Assenjat fil-kunvent tal-Imdina, qeda bħala surmast tan-novizzi u aktar tard pirjol tal-komunità tal-post u definitur provinċjali. Elett ministru provinċjal tal-Provinċja Karmelitana Maltija fl-1946 u mill-ġdid fl-24 ta' April 1967 għat-tieni mandat tiegħu, matul is-snin għallem it-teoloġija lill-istudenti Karmelitani fil-Kulleġġ ta' San Ċirillu fil-kunvent tagħhom fil-Balluta.

F'Settembru 1968, P. Ġorġ tela' Ruma għall-Kapitlu Ġenerali tal-Ordni, li kellu jikkonferma lil P. Kiljan Healy għat-tieni mandat ġeneralizju tiegħu. Matul il-kors ta' dan kollu, P. Ġorġ ħassu ħażin u miet ta' malajr fid-19 tal-istess xahar fl-għomor ta' 56 sena. Il-katavru tiegħu ndifen fiċ-Ċimiterju Monumentali tal-Campo Verano fl-istess belt, fil-qabar tal-Patrijiet Karmelitani, fejn jinsabu midfuna wkoll fost l-oħrajn, żewġ Maltin oħra: P. Carmelo Tabone mill-Belt Valletta, li miet fit-3 ta' Novembru 1927, li wettaq l-uffiċċju ta' pirjol ta' komunitajiet diversi madwar Malta u l-Italja, fejn miet fil-Belt Eterna wara intervent kirurġiku; u P. Piju Serracino Inglott, li miet fl-istess belt fil-kwalità ta' librar tal-Ordni Karmelitan, uffiċċju li qeda għal 30 sena, nhar il-5 ta' Lulju 1983.

Fis-17 ta' Ottubru tal-istess sena, sar fil-Bażilika tal-Madonna tal-Karmnu fil-Belt Valletta, funeral solenni b'tifkira ta' P. Borg li għalih attendew bosta nies, fosthom tliet isqfijiet: Mons. Mikiel Gonzi, Arċisqof ta' Malta; Mons. Nikol Cauchi, Isqof ta' Għawdex; u Mons. Emmanuel Gerada, dik il-ħabta Awżiljarju tal-Arċidjoċesi ta' Malta.